MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 43/2014

Il-Pulizja

(Spettur Victor Aquilina

Spettur Jesmond Borg)

Vs

Nathan John Farrugia

Illum 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Nathan John Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 161893M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-16 ta' Marzu 2010:

a) Biegh jew xort'ohra traffika il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Marzu 2010 u fl-erba' xhur ta' qabel:

b) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U fl-ahharnett talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba fil-konfront tieghu, fil-waqt illi illiberatu mill-addebitu tar-recidiva u ikkundannatu ghall-piena ta' **seba' xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' sitt mija u hamsin Euro (€650)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux izjed tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnhu pprezentat fit-12 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mill-adebitu tar-recidiva u fejn sabithu hati tal-imputazzjoni (b) filwaqt li tirrevokha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet (a), kif ukoll

tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma is-segwenti u cioe':-

Illi t-tpartit ta' ammont zghir ta' droga, kif gara fil-kaz odjern, ma jikkwalifikax bhala traffikar, u illi dak li sehh fis-16 ta' Marzu, 2010 ghandu jigi evalwat fl-isfond tal-fatt mhux kontestat li jemergi mill-istqarrija tal-esponent illi solitament huwa kien jakkwista d-droga minghand din il-persuna mgharfua bhala l-Kayzer, u ghaldaqstant, f'dan ix-xenarju l-esponent kienet dejjem persuna li takkwista d-droga minghand il-Kyzer, li min-naha l-orha dan kien il-persuna li tispacca d-droga.

Illi dan it-tpartit ta' ammont zghir hafna tad-droga cannabis ma jistax jikkwalifika bhala 'to supply' ai termini tal-Kap 101, izda semplicement bhala skambju u certament ma jezistix l-element intenzjonali rikjest ghal fini ta' spacc, u illi fl-aghar ipotesi jinkwadraw l-elementi ta' trafficking by sharing ai termini tal-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kap 101;

Illi inoltre l-piena inflitta hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tenut kont tal-ammont zghir involut kif ukoll il-fatt illi l-esponent kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 fil-massimu tieghu skond id-dikjarazzjoni maghmula mill-Ufficjal Prosekutur a fol 6 tal-process;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) il-pulizija innutat lill-appellant Nathan John Farrugia jieqaf Hal Qormi quddiem ir-residenza ta' persuna ohra bl-isem ta' Brian Joseph Mangion maghruf bhala Il-Kayzer, li kien qed jigi sorveljat mill-pulizija fuq informazzjoni illi kien qieghed jittraffika d-droga. Il-pulizija innutat lill-appellant jidhol u wara ftit johrog mid-dar tal-Kayzer u segwietu saz-Zurrieq fejn pulizija pajzana waqqfuh. Wara tfittxija illi saret fuq l-appellant il-pulizija sabu madwar hdax-il gramma (11 grs.) kannabis li kienet imqassma disgha punt erbgha grammi (9.4 grs) ghaliha f'borza tal-plastik trasparenti u wiehed punt tlieta grammi (1.3 grs) ghaliha illi kienet imkebba fil-foil.

L-appellant kellu madwar ghaxar grammi (10 grs) fil-borza tal-plastik trasparenti u kien ghadu kif biddel gramma minn tieghu ma' gramma ohra ta' tip iehor ma' Brian Joseph Mangion u li din kienet il-gramma gewwa l-foil. L-appellant biddel gramma ma' gramma peress illi Mangion kien qallu illi kellu xi haga gdida.

Sussegwentement l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal akkuza in konnessjoni ma' traffikar tal-pjanta kannabis u li kellu l-pussess tieghu l-istess pjanta. B'sentenza moghtija fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u ikkundannatu ghal seba' xhur prigunerija effettiva u multa ta' sitt mija u hamsin ewro (€650).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi t-tpartit ta' gramma ma' gramma ohra droga ma jikkwalifikax fix-xenarju ta' traffikar u ma kellux jitqies bhala "supply" ai termini tal-Kap. 101.

Ikkunsidrat:

Id-Difiza qieghda targumenta illi l-kelma provvista kif muri fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 ma jwassalx ghall-traffikar fis-sens tal-ligi. Din il-Qorti ma taqbilx u taqbel pjenament però mal-argumenti migjuba mill-ewwel Qorti fit-tifsira ta' din il-kelma. Il-Kap 101 jaghti tifsira wiesa hafna tal-kelma traffikar u tibda bil-premessa "tinkludi ...". Dan ifisser, kwindi, illi dik il-lista illi ssegwi wara mhiex ezawrienti u jista' jkun hemm sitwazzjonijiet illi mhumiex inkluzi f'din id-definizzjoni li ukoll jinkwadraw bhala traffikar. Hu ovvju li l-ligi trid timpedixxi kull forma ta' transazzjoni illi tinvolvi d-droga. U meta wiehed ipartat droga ma' ohra jkun qieghed jipprovdi lil terz droga illi qabel ma kellux. F'dan il-kaz gie allegat mill-istess appellant illi Mangion kien qallu illi kellu xi haga gdida u ghalhekk l-appellant ried jipprova din "ix-xi haga gdida" u ipprovda droga lil Mangion biex dan tal-ahhar jipprovdilu dak illi ried. Veru illi hawnhekk ma sarx skambju ta' flus; però sar skambju ta' droga u dan huwa l-korrispettiv. L-appellant ipprovda droga lil Mangion u li dan tal-ahhar hallsu billi tah droga ohra. Dan it-tpartit huwa skambju ekonomiku f'kull sens tal-ligi u jaqa' nettament taht id-definizzjoni ta' traffikar kif esposta mill-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101. Mill-bqija l-Qorti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza kwotata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha u m'ghandha xejn x'izzid ma' dak illi nghad.

Rigward il-piena l-Qorti rat illi l-appellant ibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-massimu. Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-assorbiment tal-akkuzi kif ukoll il-fedina penali tal-appellant, il-piena inflitta hija vicin il-minimu u fil-parametri tal-ligi, u kwindi l-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------